# LECTIO DIVINA

## Il-5 Ħadd tal-Għid

## Sena Ċ

### Ġw 13:31-33a,34-35

**KUNTEST**. Il-kapitlu 13 jagħti bidu għat-tieni parti tal-Vanġelu ta' Ġwanni li spiss tissejjaħ il-Ktieb tal-Glorja. Ġesù hu preżentat bħala dak li jaf li waslet is-siegħa tiegħu, jaf min hu u fejn sejjer, u jaf ukoll min huma dawk l-aktar qrib tiegħu. Għalhekk b'għarfien u libertà' sħiħa, għax il-Missier tah kollox f'idejh, jagħżel li jaħsel saqajn id-dixxipli tiegħu. Ried iħobbhom u iħobbhom sal-aħħar.

L-aħħar ġesti, bħall-aħħar kelmiet ta' persuna qabel it-tluq tagħha, għandhom sinifikat akbar. Għalhekk, f'din il-parti, l-verità ta' Ġesù trid toħroġ bil-qawwa kollha tagħha. U din il-verità hija l-imħabba sal-aħħar. Jeħtieġ li d-dixxiplu jitgħallimha billi jilqagħha u jħalli lil Ġesù jaħsillu saqajh. Dan tant hu fundamentali li jekk ma jseħħx, id-dixxiplu 'ma jkollux x'jaqsam miegħu'. Imma l-bniedem ftit hu sintonizzat ma' din it-tip ta' imħabba gratwità u sal-aħħar u għalhekk jirriskja li ma jilqagħhiex jew ma jifhimhiex. Jeħtieġ iħalli lil Ġesù idewwaqilu. Hu mbagħad li l-bniedem jista' jisma' u jilqa' l-kmand ta' Ġesù: "hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin". Hekk ukoll jingħad lil Pt: "tifhmu aktar 'l quddiem" (13,7) u "tiġi warajja aktar tard" (13,36).

Ġesù jħabbar espliċitament it-tradiment u jindika lid-dixxiplu l-maħbub min hu t-traditur. Imma aktar minn hekk jindikalu kif għandu jiġi trattat! Lil Ġuda infatti jagħtih il-ħobż imbil fil-platt tiegħu, ġest ta' fraternità u unur. Ix-xena hi waħda drammatika. Ġuda jieħu l-ħobż (jieklu?), jiġi konxju li Ġesù jaf, imma mal-azzjoni ta' Ġesù hemm ukoll l-azzjoni ta' Satana li

jirnexxielu jirbaħ lil dan id-dixxiplu tal-Mulej. Tassew kien bil-lejl. Hemm ġlieda kbira li sseħħ fil-qalb tal-bniedem li kapaċi twassal biex il-bniedem jingħalaq għall-imħabba ta' Alla. Il-jasar tad-dnub – fi Ġw il-figura ta' Ġuda hi l-aktar demonizzata u tiġbor flimkien id-diversi elementi li nsibu b'mod separat fis-Sinottiċi, bħan-nuqqas ta' twemmin, Ġuda xitan 'flok' Pietru, ix-xeħħa għall-flus, it-tradiment – kapaċi jqiegħed il-qalb daqshekk fid-dlam. Ġesù mill-banda l-oħra hu preżentat bħala l-ġust sofferenti fuq il-linja tal-ktieb tas-Salmi, għax "dak li kiel minn ħobżi dar kontrija" (Salm 41,10). Imma l-għarfien u l-motivazzjoni tiegħu tibqa' ċara, għax għeruqu fil-Missier.

[Ġw:13:31] **Kif ħareġ Ġuda, Ġesù qal: "Bin il-bniedem huwa gglorifikat issa, u permezz tiegħu huwa gglorifikat Alla.** [Ġw:13:32] **Jekk Alla huwa gglorifikat permezz ta' Bin il-bniedem, Alla wkoll permezz tiegħu nnifsu għad jigglorifika lilu, u dalwaqt jigglorifikah.**
Fi Ġw 13,31-35 jiġu introdotti d-diskorsi tal-aħħar— baqa' biċċa narrattiva, it-tħabbira taċ-ċaħda ta' Pt — billi f'dawn il-versi nsibu diversi temi li mbagħad ser joħorġu aktar 'il quddiem, bħall-glorifikazzjoni (17,1-5 li qisha sservi ta' inklużjoni għad-diskors), it-tluq ta' Ġesù u l-inkapaċità tad-dixxipli li jsegwuh għalissa (kap 14 u 16,4-33) u l-kmandament tal-imħabba (15,12-17 u kap. 17 bit-talba ta' Ġesù għall-għaqda bejn id-dixxipli tiegħu).

Bin il-Bniedem huwa glorifikat issa. Il-glorja (x5 f'żewġ versi) hija l-manifestazzjoni ta' xi ħadd. Wieħed qed juri min hu, x'inhi l-essenza/il-piż tiegħu. Ġesù qed jiġi glorifikat issa! Is-siegħa tiegħu waslet. Il-passjoni diġa' bdiet. Hu diġa' qed iħobb sal-aħħar. U f'dan hu qed juri min hu Alla. U Alla ser ikompli juri kemm hu veru/awtentiku dak li Ġesù qed jagħmel billi jigglorifikah fil-futur, permezz tal-qawmien. Hawn ser juri kemm din l-imħabba sal-aħħar ta' Ġesù hi tassew skont il-qalb tiegħu.

Dan l-enfasi fuq il-glorifikazzjoni hu mingħajr paralleli fit-T.Ġ.. Fl-isfond aktarx hemm Iż 52,13 LXX fejn il-Qaddej ta' Jahvè se jkun merfugħ l-fuq u glorifikat. Infatti fi Ġw dan hu ritornell li jinstema' tlitt darbiet fl-ewwel parti: 3,14, biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem; 8,28, tagħrfu li 'jiena hu' u li min rajh ma jagħmel xejn; 12,32, jiġbed il-bnedmin kollha lejh. Dan kollu ser jiġri permezz tas-salib. Xi ħaġa simili fi sfond liturġiku nsibuha fl-

Apokalissi: "Jistħoqqlu l-Ħaruf li kien maqtul li jirċievi l-qawwa u l-għana u l-għerf u s-saħħa u l-ġieħ u l-glorja u t-tifħir." (Apok 5,12).

[Ġw:13:33] **Uliedi, ftit ieħor se ndum magħkom;** ***intom tfittxuni, u bħalma għedt lil-Lhud, hekk ukoll ngħidu issa lilkom: Fejn sejjer jien, intom ma tistgħux tiġu.***

Il-glorifikazzjoni ta' Ġesù ser twassal għas-solitudini u t-tbatija tad-dixxipli. Isejħilhom *teknia* (x1 biss fil-Vanġelu u x7 f'1Ġw), terminu ta' affett kbir li jfakkar fl-aħħar rakkomandazzjonijiet tal-patrijarki qabel ma' jħallu lill-għeżież tagħhom. Ġesù kien diġa' ħabbar it-tluq tiegħu lill-Lhud f'7,33-34: "Ftit ieħor baqagħli magħkom, u mbagħad nerġa' mmur għand min bagħatni. Għad tfittxuni u ma ssibunix, u ma tkunux tistgħu tiġu fejn inkun jien."". F'dan Ġesù donnu qed iqiegħed lid-dixxipli tiegħu fuq l-istell livell tal-avversarji tiegħu, l-Lhud. Huma ma jistgħux imorru għax id-dixxipli lesti li jmutu għal Ġesù imma mhux bħalu. Dan il-kliem irid jimmotiva lid-dixxipli jilqgħu l-kliem tiegħu u fl-istess waqt jippreparahom għas-sitwazzjoni l-ġdida tal-firda minnu. Din il-firda però mhiex waħda definittiva peress li Ġesù sejjer biex iħejji post biex fejn ikun hu jkunu wkoll d-dixxipli (14,1-3). Sadanittant id-dixxipli ser ikunu maqgħuda miegħu permezz tal-preżenza l-ġdida fosthom, dik tal-Ispirtu, liema spirtu ser jingħata fil-glorfikazzjoni tal-Mulej, bil-konsegwenza li anke mid-dixxiplu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj (7,37-39).

[Ġw:13:34] **Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin.** [Ġw:13:35] **Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom."**

Hawn il-kelma kmandament hi *entole* li fi Ġw tirreferi għall-imħabba tal-Missier lejn l-Iben kuntrarjament għal-Liġi esterna jew możajka, *nomos.* Għalhekk aktar minn liġi, hi rivelazzjoni u don: "Alla ta l-Liġi permezz ta' Mosè imma l-grazzja u l-verità seħħu permezz ta' Ġesù Kristu" (Ġw 1,17). L-aspett tad-don hu espress permezz tal-verb *didomi*, li fi Ġw jiġi wżat spiss b'rabta mal-għotja. Fit-tradizzjoni biblika, il-liġi ta' Alla hi don, mogħtija wara esperejnza salvifika li turi min hu Alla. Hekk ukoll hawn, dan jerġa' joħroġ b'mod qawwi (2Kor 9,6-8; Ġak 1,5). Imma fl-istess waqt dan il-kmandament hu ġdid, *kainos*, kelma li tindika novità f'sens kwalitattiv u mhux kronoloġiku (*neos*). L-użu ta' Ġw hu f'kontinwità mat-tradizzjoni Biblika (Iż 42,9-20 ; Ġer 31,31-34 ; Eżek 36,26s ; Mk 1,27 ; 2,21-22). "Ġdid"

mhux għax hu tagħlim morali ġdid imma għax marbut mal-Patt il-Ġdid. Fi kliem ieħor, dan il-kmandament jista' jingħax grazzi għas-siegħa ta' Ġesù. Ġdid, għax Alla qed jagħmel xi ħaġa ġdida Hu! "Araw, għad jiġi żmien, oraklu tal-Mulej, meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Iżrael u dar Ġuda; mhux bħall-patt li għamilt ma' missirijiethom fiż-żmien meta qbadthom minn idejhom biex ħriġthom mill-art ta' l-Eġittu, il-patt tiegħi li huma kisru, għalkemm jien kont l-għarus tagħhom, oraklu tal-Mulej. "Imma dan ikun il-patt li għad nagħmel ma' dar Iżrael wara dawk il-jiem, oraklu tal-Mulej. Nqiegħed il-liġi tiegħi fosthom u niktibha f'qalbhom; u jiena nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi. [...]" (Ġer 31,31-34). L-għotja lill-oħrajn ser issir possibbli grazzi għad-don ta' Ġesù. Il-bażi mhiex l-isforz li wieħed jagħmel. San Ġwann Grisostmu ifakkar: "Waqt il-prova se jkollok tammetti li l-imħabba tiegħek m'hi xejn mingħajr il-ferħ li jiġi minn fuq".

F'Lev 19,18, l-imħabba lejn l-oħrajn għandha bħala kejl l-imħabba lejna nfusna xi ħaġa li Ġesù jerġa' jipproponi fis-Sinottiċi (Mk 12,28-34 u paralleli). Il-parametru però huwa jien. U għalhekk, dan il-parametru jista' jaħdem u jista' ma' jaħdimx għax għandu l-istatura tiegħi. Issa l-kejl hija l-imħabba ta' Ġesù, il-ħarsa tiegħu fuqna. Inħobbu għax maħbuba. Infatti, il-*katos* mhux biss fuq ivell ta' paragun (*bħal* Ġesù) imma wkoll bħala r-raġuni u l-għajn (il-kelma tista' tiġi tradotta bħala 'għaliex').

Partikularità oħra ta' Ġw hi li minflok għajrek – kumpann – ħabib insibu lil 'xulxin' – 'oħrajn', il-membri tal-komunità. L-imħabba tal-aħwa ser tkun is-sinjal distintiv li huma dixxipli ta' Ġesù. Imbagħad f'17,21 l-għaqda ta' bejniethom ser isservi ta' prova li Ġesù kien mibgħut mill-Missier (17,20-21). Għalhekk meta in-NIsrani/l-Knisja ifittex *surrogates* oħra ta' distinzjoni – identità għandha tqum xi mistoqsija.

L-imħabba ta' Ġesù hija l-imħabba fuq l-immaġni tas-salib. U din hi l-imħabba li tiftaħ il-qlub u tiftaħ għall-verità. "Lil Alla għadu ħadd ma rah, imma jekk inħobbu 'l xulxin hu jgħammar fina, u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina." Din ser tkun ix-xhieda l-aktar qawwija tad-dixxipli. Tertuljanu jikteb: "kienet qabelxejn il-prattika tal-imħabba li wasslet biex inkunu immarkati kważi b'siġill tan-nar f'għajnejn il-pagani. Jgħidu 'ara kemm jinħabbu', mentri huma jinbgħadu bejniethom, u 'kemm huma lesti jagħtu ħajjithom għal xulxin', mentri huma

jippreferu joqtlu lil xulxin".

Id-domanda l-kbira fil-mixja wara l-Mulej għalhekk għandha tkun 'min aħna quddiem il-Missier'?. Imbagħad wara nħobbu, nħennu, nilqgħu, nagħtu l-ħajja, għax milquta minn din il-grazzja.